

Brussell, 9 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12656/25
ADD 1

ENV 815
MI 635
DELECT 125

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 5939 final - Annex
Suġġett:	ANNESS tad- Direttiva Delegata tal-Kummissjoni li temenda d-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb fl-istann b'temperatura ta' tidwib għolja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 5939 final - Annex.

Mehmuż: C(2025) 5939 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2025
C(2025) 5939 final

ANNEX

ANNESS

tad-

Direttiva Delegata tal-Kummissjoni

li temenda d-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb fl-istann b'temperatura ta' tidwib għolja

ANNEX

Fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE, il-punt 7(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“7(a)	Ċomb fl-istann tat-tip b'temperatura ta' tidwib għolja (jiġifieri l-liġi b'bażi ta' ċomb li jkun fihom 85 % jew aktar ċomb skont il-piż)	Japplika għall-kategoriji kollha (għajr l-applikazzjonijiet koperti fil-punt 24 ta' dan l-Anness) u jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2027.
7(a)-I	Ċomb fl-istann tat-tip b'temperatura ta' tidwib għolja (jiġifieri l-liġi b'bażi ta' ċomb li jkun fihom 85 % jew aktar ċomb skont il-piż) għall-interkonnessjonijiet interni għat-twaħħil ta' dammi, jew komponenti oħrajn flimkien ma' damma f'assemblaġġ ta' semikondutturi b'kurrenti statiċi jew tranżitorji/ta' impuls ta' 0,1 A jew aktar jew vultaġġi ta' mblukkar ta' aktar minn 10 V, jew daqsijiet tat-truf tad-damma ta' aktar minn 0,3 mm x 0,3 mm	Japplika għall-kategoriji kollha (għajr l-applikazzjonijiet koperti fil-punt 24 ta' dan l-Anness) u jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2027.
7(a)-II	Ċomb fl-istann tat-tip b'temperatura ta' tidwib għolja (jiġifieri l-liġi b'bażi ta' ċomb li jkun fihom 85 % jew aktar ċomb skont il-piż) għal konnessjonijiet integrali (jiġifieri interni u esterni) ta' materjal għat-twaħħil ta' dammi f'komponenti elettriċi u elettroniċi, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: - il-konduttività termali tal-materjal għat-twaħħil ta' dammi mwebbes/sinterizzat hija $>35\text{W}/(\text{m}\cdot\text{K})$, - il-konduttività elettriċa tal-materjal għat-twaħħil ta' dammi mwebbes/sinterizzat hija $>4,7\text{MS}/\text{m}$, - it-temperatura tat-tidwib tas-solidus hija ogħla minn 260 °C	Japplika għall-kategoriji kollha (għajr l-applikazzjonijiet koperti fil-punt 24 ta' dan l-Anness) u jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2027.
7(a)-III	Ċomb fl-istann tat-tip b'temperatura ta' tidwib għolja (jiġifieri l-liġi b'bażi ta' ċomb li jkun fihom 85 % jew aktar ċomb skont il-piż) fil-ġonot tal-istann tal-ewwel livell (konnessjonijiet interni jew integrali - jiġifieri interni u esterni) għall-komponenti tal-manifattura sabiex l-immuntar sussegwenti ta' komponenti elettroniċi fuq is-	Japplika għall-kategoriji kollha (għajr l-applikazzjonijiet koperti fil-punt 24 ta' dan l-Anness) u jiskadi fil-31 ta'

	subassemblaġġi (jiġifieri moduli, bordijiet tas-subċirkwit, substrati, jew iwweldjar minn punt għal punt) bi stann sekondarju ma jwassalx għar-rifluss tal-istann tal-ewwel livell. Din is-subentrata teskludi l-applikazzjonijiet għat-twaħħil ta' dammi u l-issiġillar ermetiku	Diċembru 2027.
7(a)-IV	Ċomb fl-istann tat-tip b'temperatura ta' tidwib għolja (jiġifieri l-liġi b'bażi ta' ċomb li jkun fihom 85 % jew aktar ċomb skont il-piż) fil-ġonot tal-istann tat-tieni livell għat-twaħħil tal-komponenti mal-bord taċ-ċirkwit stampat jew mal-oqfsa taċ-ċomb: 1. fil-blalen tal-istann għat-twaħħil ta' ball-grid-array (BGA) taċ-ċeramika 2. f'overmouldings tal-plastik f'temperatura għolja (> 220 °C)	Japplika għall-kategoriji kollha (għajr l-applikazzjonijiet koperti fil-punt 24 ta' dan l-Anness) u jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2027.
7(a)-V	Ċomb fl-istann tat-tip b'temperatura ta' tidwib għolja (jiġifieri l-liġi b'bażi ta' ċomb li jkun fihom 85 % jew aktar ċomb skont il-piż) bħala materjal għall-issiġillar ermetiku bejn: 1. pakkett jew tapp taċ-ċeramika u kaxxa tal-metall, 2. terminazzjonijiet tal-komponenti u subparti interna	Japplika għall-kategoriji kollha (għajr l-applikazzjonijiet koperti fil-punt 24 ta' dan l-Anness) u jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2027.
7(a)-VI	Ċomb fl-istann tat-tip b'temperatura ta' tidwib għolja (jiġifieri l-liġi b'bażi ta' ċomb li jkun fihom 85 % jew aktar ċomb skont il-piż) għall-istabbiliment ta' konnessjonijiet elettriċi bejn il-komponenti tal-lampi f'lampi tal-filament rifletturi għat-tisħin bl-infraaħmar, għal lampi bi skarika elettriċa ta' intensità għolja, jew għal lampi tal-fran	Japplika għall-kategoriji kollha (għajr l-applikazzjonijiet koperti fil-punt 24 ta' dan l-Anness) u jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2027.
7(a)-VII	Ċomb fl-istann tat-tip b'temperatura ta' tidwib għolja (jiġifieri l-liġi b'bażi ta' ċomb li jkun fihom 85 % jew aktar ċomb skont il-piż) għat-transducers tal-awdjo fejn l-temperatura operattiva massima taqbeż il-200 °C	Japplika għall-kategoriji kollha (għajr l-applikazzjonijiet koperti fil-punt 24 ta' dan l-Anness) u jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2027.”

--	--	--